

PROĊEDURI TA' RIEŻAMI/APPELL

1. PROĊEDURA TA' APPELL

Jekk f'xi stadju tal-proċedura ta' selezzjoni tqis li jkun sar xi żball, jew li l-EPPO jkun aġixxa b'mod ingiust jew naqas milli jirrispetta d-dispożizzjonijiet li jirregolaw din il-proċedura ta' selezzjoni u li konsegwentement dan kien ta' ħsara għall-interessi tiegħek, int tista' tuża l-proċeduri ta' appell li ġejjin, fl-ordni msemmiya fit-tabella ta' hawn taħt:

Proċedura	Punt ta' kuntatt	Skadenza ¹
1. Itlob li jsir rieżami	Permezz tal-paġna ta' kuntatt tal-websajt tal-EPPO	Għaxart ijiem kalendarji
2. Ressaq ilment amministrattiv abbażi tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea ²	Jew bil-posta fuq dan l-indirizz: European Personnel Selection Office (EPPO) C-25, 1049 Brussels, BELGIUM, jew inkella permezz tal-paġna ta' kuntatt tal-websajt tal-EPPO	Tliet xhur
Kif jintemm it-tieni stadju msemmi hawn fuq (l-ewwel stadju huwa fakultattiv), għandek il-possibbiltà li tagħmel dan li ġej:		
3. Jekk l-ilment tiegħek jiġi miċħud, espliċitament jew taċitament, ressaq appell ġudizzjarju skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal ³	European Union Civil Service Tribunal Boulevard Konrad Adenauer 2925 Luxembourg	Tliet xhur

Bħaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea, tista' tressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew:

European Ombudsman
1 avenue du Président Robert Schuman -
CS 30403
67001 Strasbourg Cedex
FRANCE⁴

¹ Mid-data li fiha tiġi ppubblikata d-deċiżjoni fil-profil tal-EPPO tal-kandidati.

² Jekk jogħġbok indika fl-ittra tiegħek: ir-referenza tas-selezzjoni, in-numru ta' kandidat tiegħek u l-frażi "ilment skont l-Artikolu 90(2)".

³ Għad-dettalji dwar kif għandek tressaq appell u l-kalkolu tal-limiti taż-żmien, jekk jogħġbok ikkonsulta l-websajt tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea: http://curia.europa.eu/jcms/jcms/T5_5230.

⁴ Kun af li l-ilmenti mressqa quddiem l-Ombudsman ma jinterrompux l-iskadenza prevista fl-Artikolu 90(2) u fl-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal biex jitressqu lmenti jew appelli quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea. Bl-istess mod, tajjeb li wiehded jiftakar ukoll li, f'konformità mal-Artikolu 2, il-punt 4 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali li jirregolaw l-eżerċitar tadmirijiet tal-Ombudsman, kwalunkwe lment li jitressaq quddiemu għandu jkun preċedut minn passi amministrattivi xierqa mal-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati. Għal tagħrif iktar iddettaljat dwar din il-proċedura, ikkonsulta l-websajt <http://www.ombudsman.europa.eu/media/fr/default.htm>.

2. TALBIET GĦAL MIŻURI KORRETTIVI

It-talbiet għal miżuri korrettivi jew ta' rieżami jridu jiġu ppreżentati **fi żmien għaxart ijiem kalendarji mid-data li fiha tkun għamilt it-test**, permezz tal-[formula online](#), li hemm fuq il-websajt tal-EPPO.

Fit-talba tiegħek, trid **bilfors** tipprovdi n-numru ta' kandidat tiegħek u l-informazzjoni meħtieġa sabiex tiġi/jiġu identifikata/identifikati l-mistoqsija/mistoqsijiet li tqis li fiha/fihom xi żball (pereżempju, billi tiddeskrivi fuq xiex kienet il-mistoqsija u/jew billi ssemmi n-numru tal-mistoqsija), u trid tispjega, bl-aktar mod ċar possibbli, in-natura tal-iżball allegat.

It-talbiet li jaslu wara l-iskadenza, jew li ma jkunux ċari biżżejjed biex tiġi/jiġu identifikata/identifikati l-mistoqsija/mistoqsijiet ikkontestata/ikkontestati, ma jiġux ikkunsidrati.